MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Numru. 670/2011

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**MARIO SPITERI SACCO ta' 55 sena, iben Victor u Emilee nee' Montanaro, imwieled tal-Pieta' nhar l-14.05.1965, residenti fil-fond MariaPolis, Triq l-Akwadott, Fleur de Lys, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 347857M;**
**U VENERANDA SPITERI ta' 54 sena, bint Carmelo u Maria nee' Sultana, imwielda l-Qrendi nhar id-19.07.1957, residenti fil-fond Mirage, Triq San Mattew, Qrendi, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 483557M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **<u>Mario Spiteri Sacco</u>** u **<u>Veneranda Spiteri</u>** li fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana gie akkuzati talli:

1. Fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Awwissu, 2006, fil-Mitjar Internazzjonali ta' Malta, bil-koperazzjoni ta' persuni ohra, iddisponew minn oggetti, bla dazju, u dan bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern ta' Malta minn dazju u taxi li kien messhom hallsu fuqha, liema oggetti ghandhom valur, dazju ta' importazzjoni, dazju tas-SISA, u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) kif jidher hawn taht, rispettivament:
Total Lm119.000 – Dazju tal-Importazzjoni Lm87.40,1; Dazju tas-SISA Lm139.36,0; VAT Lm62.23,7
Liema Dazju ta' Importazzjoni, Dazju tas-SISA u VAT ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

2. U aktar talli bhala mpjegati mal-Malta International Airport, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg taghhom, talbu, ircevew, jew accettaw ghalihom jew ghal haddiehor, vantagg li ghalih ma kellhomx jedd, u b'hekk naqsu illi jaghmlu dak li hu fid-dmir taghhom li jaghmlu.

Rat li ma' l-interrogatorju l-imputati wiegbu illi ma kinux hatja ta' l-akkuzi kif migjuba kontra taghhom.

Rat ukoll illi mibghut il-kunsens wiegbu illi ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat illi din il-kawza, minhabba s-separazzjoni tal-gudizzju, ipprocediet biss fil-konfront ta' Mario Spiteri Sacco u Veneranda Spiteri.

Rat ix-xhieda prodotti.

Ghalhekk fl-ewwel lok xehed Mario Debattista in rapprezentanza tal-Kontrollur tad-Dwana. Ezebixxa ghalhekk il-letter to prosecute datata 10 ta' Ottubru, 2006 – allura xhur qabel ma nbdiet din il-kawza.

Xehed in rapprezentanza tal-VAT, Vincent Vella, ezebixxa l-letter to prosecute f'isem dan id-Dipartiment datata 18 ta' Ottubru, 2006, anke din mibghuta xhur qabel il-bidu ta' dawn il-proceduri, Dok VV.

Mario Como xehed in kwantu head of security fil-Malta International Airport. Xehed illi f'CCTV ta' l-istess ajruport ra lil Veneranda Spiteri (ko-imputata qabel is-separazzjoni tal-gudizzju) titkellem ma' xi passiggieri. Ra wkoll lil Spiteri Sacco, ukoll ko-imputat, jghaddi xi karti lill-imputat odjern, u f'parti minn dawn il-hdax-il video xehed illi ra lil Pasqualino johrog bl-affarijiet baxx johrog bihom. Qal illi hu seta' jiddistingwi lil Deguara u lil Spiteri minn dawn il-videos (CCTVs) gialadarba kienu jahdmu hemm, u allura kien ilu jafhom u kienu jidhru cari.

Minn naha tieghu l-Ex Spettur tal-Pulizija Kevin Borg, kien hu li bhala Spettur kien ghamel l-investigazzjonijiet li wasslu ghal dawn il-proceduri. Ghalhekk wara li gie avvicinat mill-Head Enforcement tad-Dwana, dwar artikolu li deher fl-Orizzont (Dok KB folio 46), kien irrizultalu mill-investigazzjonijiet tieghu li zewg tfajliet – Christianne Cardona u Charmaine Galea, kienu gew avvicinati minn persuna meta kienu sejrin fuq flight KM784, persuna li kienet liebsa ta' security li tathom lista ta' affarijiet biex jixtrulha s-sigaretti duty free.
Accettaw ghax ghalihom ma kien hemm xejn hazin. Xtraw is-sigaretti, regghu ltaqghu ma' din il-persuna ta' sess femminili hdejn it-toilets ta' l-irgiel. Hemm hallew is-sigaretti. Flimkien ma' Mario Como identifikaw lil din il-persuna minn fuq il-filmati (CCTV) bhala Veneranda Spiteri. Kompla jinvestiga, b'hekk wasal ghaz-zewg imputati l-ohrajn. Qal illi baghat ghalihom, irrilaxxaw stqarrija li fiha ammettew l-involviment taghhom.

Ezebixxa wkoll id-dokument KB2 li skondtu kien kopja ta' l-original tal-filmati tas-CCTV, qal illi l-originali kienu ghand Mario Como.

Gie nominat f'dan ir-rigward l-esert Dr Martin Bajada li pprezenta r-relazzjoni tieghu Dok MB, fejn ikkonkluda li d-Dok KB2 kien kopja nterga tad-digital recording tas-

sistema tas-CCTV ghall-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Awwissu, 2006 (folio 86).

Minn naha tieghu Noel Farrugia, chief executive ta' Brittania Tours, xehed dwar biljetti mixtrija fuq certu Cardona (mobile number 99090482) ghal erbgha minn nies biex imorru Istanbul fis-sena 2005, Dok NF folio 70.

Richard Briscow xehed illi bhala fizzjal tad-Dwana hu kien nizzel ghand l-Ispettur Kevin Borg 50 pakkett sigaretti (Dok KB). Xehed illi x-xorb maqbud gie mghoti lura.

Christianne Cardona xehdet illi fis-16 ta' Awwissu, 2006, flimkien ma' habiba taghha Charmaine Galea kienu l-Airport ghall-habta tal-11.00pm – 11.30pm. Ghamlu c-check-in u telghu l-escalator. Qalet illi meta kienu fuq avvicinathom persuna li ghaliha mill-uniformi li kienet liebsa kienet security, harget karta u bdiet skondtha tisfurzahom jixtrulha xi affarijiet. Gharfitha bhala Veneranda Spiteri. Qalet illi tathom lista ta' items, fosthom b'affarijiet relatati mas-sigaretti. Ghax rawha bl-uniformi, qalu li hakmithom certa biza', xehdet illi bdiet tinsisti li jixtrulha s-sigaretti. Hekk ghamlu. Kif kienu miftehmin marru jiltaqghu maghha hdejn it-toilets tal-cafeteria, hemm xehdet illi raw ukoll persuna ta' sess maskili well built. Hi, cioe' l-imputata, tat dawn l-affarijiet lil din il-persuna, xehdet illi huma telqu.
Xehdet illi din il-persuna tatha Lm120.00 biex tixtri dawn l-affarijiet relatati mas-sigaretti.
Fil-konfront tal-persuna li rat hdejn it-toilet li kien prezenti meta marru jaghtu l-oggetti mixtrija, indikat lill-ko-imputat Pasqualino Deguara. Xehdet ukoll illi mis-somma ta' Lm120.00 lilhom moghtija, kellhom bqija ta' Lm1.00 li tawha lill-imputata, vide Dok a folio 113 qua ricevuta, din giet ezebita minjn Mario Abela bhala Dok MA folio 123.
Bhala ricevuta din giet ikkonfermata mix-xhud Alison Sammut Catania, bhala wahda li nharget mill-kumpanija fuq sigaretti li nxtraw mid-Departures.

Ix-xhud l-iehor okulari kienet Charmaine Galea li bhal ta' qabilha ghazlet illi tixhed. Qalet illi mal-kollega taghha Christianne Cardona, f'Awwissu, 2006 kienet sejra t-

Turkija. Qalet illi gew imwaqqfa minn zewg ufficjali ta' l-MIA, semmiet mara li kellha detector u avvicinathom b'certa kunfidenza. Qalet illi approwcjathom b'lista f'idejha u mazz flus. Ridithom jixtru l-items tat-tabakk u mbaghad imorru bihom hdejn it-toilet ta' hdejn ir-Rock Café. Hekk ghamlu. Anke hi identifikat li hdejn Spiteri kien hemm ragel (bin-nuccali) li skondtha taw l-affarijiet lilu. Qalet ukoll illi ghamlet dan kollu ghaz bezghet.

Ma tressqu ebda provi in difesa.

Ikkunsidrat:

Illi x-xhieda saljenti migjuba hija dik ta' Mario Como u t-tfajliet passiggieri Charmaine Galea u Christianne Cardona.

Issa kemm Galea kif ukoll Cardona, moghtija l-caution, ghazlu li jixhdu. Din il-caution inghatat in kwantu ghall-fatt illi jirrizulta li anke huma gew imressqa fuq akkuzi ta' evazjoni ta' Dwana relatati ma' dawn.

Illi x-xhud indipendenti, senjalament jghid dwar dak li ra fil-filmat li kien ra lil Veneranda Spiteri titkellem ma' wahda mill-passiggieri. Ra lil Spiteri Sacco jgahddi xi karti lil Pasqualino. Qal illi gharafhom ghax kien ilu tlitt snin jahdem hemm u ghalih jidhru cari.

In vista' li x-xhieda diretta hija dik ta' zewg ko-akkuzati, fis-sens illi ghandhom kif premess akkuzi ghal kollox relatati, allura din il-Qorti gharblet bis-shih dak li xehed Como. Il-Qorti, biex tapprezza dak li qal dan ix-xhud, hadet l-isbriga li tara li dan is-CCTV footage li fih Como ddistingwa l-imputati jaghmel dak diga' deskritt.

Zewg punti trid tqajjem hawn il-Qorti:

1. Illi certament dak li ra Como ma jwassal imkien biex jatribwixxi htija lill-imputati ghall-akkuzi lilhom moghtija;
2. Illi l-Qorti qalet li hi rat il-footage ezebit, li ghal Como kien car, fatt dan li ma rrizultax ghal din il-Qorti, li ma setghetx tiddistingwi mix-xbieghat li rat lill-ko-imputati, jew

wiehed minnhom jew l-azzjonijiet minnhom maghmula li ra l-istess xhud.

Xejn aktar m'ghandha x'izzid din il-Qorti mal-kummenti hawn maghmula, ghaldaqstant qieghda tillibera lil Mario Spiteri Sacco u Venranda Spiteri mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------